MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 404/1997/1

**Elmo Insurance Services Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Grima**

**Vs**

**Carmel sive Charles Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine s-somma ta' hames mija sitta u disghin lira sitta u disghin centezmu (Lm596.96c) bhala danni mill-konvenut kagunati in segwitu ghal incident awtomobilisitku li gara tas-Sliema fit-2 ta' Novembru 1994 meta ziemel bis-serkin li kien fil-kustodja tal-konvenut sfratta u kkaguna hsara fil-car Nru. N-2999, propjeta' ta' Brian Grima, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien

unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u in osservanza tar-regolamenti.

B-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Gunju 1995 u dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996, u bl-imghax legali mid-data tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta attrici ma ghandhiex interess guridiku biex tippromuovi l-azzjoni stante illi ma tezisti l-ebda surroga la legali u lanqas konvenzjonali bejn l-partijiet a tenur ta' l-artikolu 1165 u 1166 tal-Kodici Civili
3. Illi fil-mertu l-konvenut ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Rat is-sentenza Taghha moghtija fil-11 ta' Jannar 2000 (fol 49 ibid) kif ukoll dik moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Ottubru 2001.

Rat is-sentenza preliminari Taghha moghtija fil-15 ta' Marzu 2004 (fol 61 ibid) kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-17 ta' Jannar 2005 in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni kif sollevata mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak risultanti mill-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006 (fol 75 ibid) kif ukoll in-nota tal-osservazzjonijeit tas-socjeta attrici nomine (fol 76 et seq ibid) li, avolja debitament notifikata baqghet minghajr ebda risposta (ara fol 86 ibid) hlief permezz ta' 'affidavit' sottomess mill-konvenut, minghar awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti (ara fol 88 ibid) u minghajr ma gie notifikat lis-socjeta attrici nomine waqt li gie presentat <u>wara</u> li dan il-kaz gie differit ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont illi l-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa mill-attur giet, finalment deciza hawnhekk ser tigi deciza t-tieni (2) eccezzjoni li tallega n-nuqqas ta' interess giuridiku f'din l-azzjoni, da parti tas-socjeta attrici nomine in vista li, skond il-konvenut, ma tesisti ebda surroga la legali la konvenzjonali "….. bejn il-partijiet". Dwar din l-eccezzjonijiet jkun opportun li ssir referenza ghax-xhieda ta' Brian Grima, l-assikurat tas-socjeta attrici nomine (fol 31 ibid) li qal illi, oltre li l-konvenut kien hallas lilu Lm75 bhala "excess" dovut mill-istess Brian Grima in konnessjoni mal-assikurazzjoni tieghu, kkonferma illi is-socjeta attrici nomine kienet hallset lilu l-ispejjes kollha in rigward hsarat kagunati fuq il-vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident in esami.

Inoltre Michael Risiott in rappresentanza tal-istess socjeta attrici nomine (fol 36 et seq ibid) ikkonferma illi l-istess socjeta rappresentata minnu kienet hallset dawn id-danni kif risultanti mid-dokumenti konsistenti f'kontijiet u ricevuti annessi a fol 41 sa fol 47 tal-atti.

Illi hu minnu illi, f'dan l-kaz ma gietx esebita l-hekk imsejjha "subrogation form". Pero in konnessjoni ma' dan il-punt u l-eccezzjoni in esami, saret referenza ghall-artikolu 1164 u tal-Kodici Civili dwar dak li jirregola hlas b'surroga bis-sahha ta' koncessjoni jew b'disposizzjoni tal-ligi. L-artikolu 1165 ibid jghid, dwar pagament b'surroga permezz ta' koncessjoni illi min jhallas id-dejn jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur meta l-kreditur jdahhal floku l-persuna li minghandha jiehu l-hlas fil-jeddijiet tieghu kollha kontra d-debitur basta li l-istess surroga issir espressament u flimkien mal-hlas.

Dwar dan il-punt jigi sottolineat illi skond l-artikolu 1232 ibid ma jidhirx li pagament b'surroga konvenzjali ghandu jsir b'xi forma ta' kitba. Inoltre, in rigward l-istess punt avolja giet sottomessa it-tieni eccezzjoni, l-partijiet ma gabu ebda prova in sostenn jew in opposizzjoni ghal din l-eccezzjoni. Difatti jidher mill-atti li ingiebu provi biss in rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni decisa finalment, kif

ukoll in rigward il-meritu ta' din il-kawza. Fil-fatt jidher li l-konvenut resa ghal kollox din l-eccezzjoni. Dwar l-istess, il-Qorti tara li mill-istess provi jidher, fuq basi ta' probabilta, illi s-socjeta attrici nomine hallset lill-assikurat taghha a basi ta' assikurazzjoni "comprehensive" bl-intendiment u evidenti li tkun tista tipproponi l-azzjoni in esami. Ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu, dan il-kaz trattasi ta' ziemel bis-serkin li sfratta u harab minn Manoel Island u wara li ghadda minghajr kuccier mix-xatt kollu ta' Tas-Sliema, kien tela' Triq it-Torri, nizel minn Triq Bisazza u baqa diehel fil-lokalita ta' Tigne' fejn eventwalment twaqqaf minn terzi persuni (ara x-xhieda ta' PS 497 Alfred Fabri a fol 23 et seq ibid u l-kopja tar-rapport esebita mill-istess xhud a fol 26 ibid). Fit-tragitt waqt l-istess harba, l-istess annimal ikkaguna hsarat u danni f'diversi vetturi fosthom dik ta' Brian Grima li kienet parkeggata mal-genb ta' Triq Bisazza (fol 31 et seq ibid). In rigward il-konvenut sid l-istess ziemel u serkin, dan qal li kien qed jaghti esercizzju lill-istess annimal fuq Manoel Island. Hawnhekk, skond dejjem ma qal il-konvenut kien hemm wiehed, aktarx barrani, li kien qed jtajjar tajra ("kite") li nizlet jew vicin jew fuq iz-zeimel li tnaffar u avolja kien ghamel tentattiv sabiex jzommu, ma kienx irnexxielu li jikkontrollah u gara dak li gara.

Illi sintetizzati l-fatti in esami, hu opportun li ssir referenza ghall-artikolu 1040 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi sid ta' annimal jew il-persuna li tkun qed taghmel uzu minnu, ghandu jwiegeb ghall-hsara li l-istess annimal jkun ikkaguna sew jekk ikun jinsab taht idejh kemm jekk ikun intilef kemm jekk jkun harab. Jidher mill-istess artikoli kif ukoll mill-gurisprudenza citata mis-socjeta attrici nomine a fol 76 et seq ibid illi l-istess artikolu jistabilixxi presunzjoni ta' htija li, pero' ma hiex "juris et de jure" izda "juristantum" fis-sens li sid l-istess annimal jista' jehles minn din ir-responsabilita bil-prova da parti tieghu ta' kas fortuwitu jew ta' ris major" jew tal-htija ta' min jkun sofra d-danni. F'dan il-kaz, certament ma irrisultatx xi htija da parti tal-

assikurat tas-socjeta attrici nomine. Inoltre jigi sottolineat illi l-konvenut issottometta ix-xhieda tieghu permezz ta' "affidavit" gja imsemmi wara li dan il-kaz gie differit ghas-sentenza u ghan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi (ara fol 75 ibid) u wara li giet sottomessa in-nota ta' osservazzjonjiet tas-socjeta attrici nomine. Pero, xorta wahda l-Qorti rat dan l-affidavit (fol 87 ibid). Mill-istess "affidavit" jidher li l-konvenut qed jallega illi dan l-incident kien kawzat minn terza persuna li kien qed jtajjar tajra. Certament, dan, anke jekk veru ma jammontax ghal kaz fortuwit u jew forza magguri. Ghalhekk ir-responsabilita ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut. Dwar dan, hu opportun illi jissemma illi l-istess Brian Grima kien mar jkellem lill-konvenut u dan kien hallas Lm75 in konnessjoni mal-"excess" gja imsemmi waqt li in rigwrad dak dovut bhala bilanc l-istess konvenut kien qal "flus ma ghandhix" (ara fol 32 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-"quantum" ta' danni pretiz hu sostanzjat mid-dokumenti esebiti a fol 39 sa fol 47 ibid.

Ikkunsidrat

Ili, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dan il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident u dan a basi ta' dak premess;
2. tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' Lm596.96c;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta' Lm596.96c bl-imghax legali mit-28 ta' Frar 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inkusi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Gunju 1995 u ta dik ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------